# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 23 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 21.**
**Citazz. Nru. 1826/00 JRM**

**LA SALITA Co. Ltd.**

**vs**

**INCOMING TRAVEL BUREAU Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' hamest elef erba' mija u erbgha u hamsin liri maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm5454.41) dovuta ghall-akkomodazzjoni u servizzi ohra moghtija lill-klijenti tas-

socjeta' konvenuta f'La Salita Hotel – Mellieha proprjeta' tas-socjeta' attrici;

Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'tissolleva;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef erba' mija u erbgha u hamsin liri maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm5454.41) dovuta kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ( Numru 3117/00) u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-Nota tas-socjeta' attrici pprezentata waqt is-smiegh tal-kawza li biha naqqset l-ammont mitlub ghas-somma ta' tlett elef mija u erbgha u ghoxrin lira maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm3124.83c);

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni kif hekk imnaqqsa tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici** kif mnaqqsa fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**23 ta’ Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta’ Jannar, 2001.**